



Brussell, 1 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2020/0264(COD)
2013/0186(COD)

9162/21
ADD 4

AVIATION 134
CODEC 772
IA 101

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	ST 8419/21 ADD1-3 + ADD1COR1 ST 10840/20 + ADD 1, ST 10841/21 + COR 1, ST 11020/20
Suġġett:	Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tal-kapaċità tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew – Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni mill-Finlandja, l-Irlanda, Malta u Spanja dwar il-pakkett SES 2+.

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA BEJN L-ISTATI MEMBRI DWAR PAKKETT TA’
RIFORMA LEĠIŻLATTIVA SES 2+**

Il-pakkett leġiżlattiv SES 2 + huwa fajl kumpless b’ambjent legali u operazzjonali iebes u firxa wiesgħa ta’ partijiet ikkonċernati. Il-bidla f’dawn iċ-ċirkostanzi hija dejjem diffiċli. Filwaqt li jagħrfu dan, u fid-dawl ta’ dawn iż-żminijiet straordinarji kkawżati mill-pandemija tal-coronavirus u l-kumplessitajiet involuti, il-partijiet għal din id-Dikjarazzjoni Konġunta - il-Finlandja, Spanja, l-Irlanda u Malta - jagħrfu l-isforzi li saru mill-Presidenza biex tipprowa tagħmel progress f’perijodu partikolarment diffiċli għall-avjazzjoni Ewropea. Għalhekk, sabiex isir aktar progress f’dan il-fajl, il-partijiet għal din id-Dikjarazzjoni Konġunta ser jivvutaw favur l-approċċ ġenerali propost imressaq quddiem il-Kunsill.

Madankollu, hekk kif qed nimxu tul il-fażi li jmiss fil-proċess leġiżlattiv, u biex inkomplu nibnu fuq il-ħidma li saret s’issa fuq l-SES 2+, nistennu b’interess li jkun hemm qbil bejn il-Kunsill u l-Parlament dwar aktar riformi strutturali u proċedurali biex jgħinu fit-trawwim ta’ Ajru Uniku Ewropew aktar ekoloġiku, reżiljenti, u globalment kompetittiv. F’termini ta’ kif dan jista’ jseħħ, naraw lok għal aktar żvilupp tar-regolamentazzjoni ekonomika tal-forniment ta’ servizz tan-navigazzjoni bl-ajru u s-superviżjoni tiegħu, rwol imsaħħaħ għall-Maniġer tan-Network, koordinazzjoni aħjar tan-network Ewropew tal-ispazju tal-ajru, u użu akbar ta’ teknoloġiji diġitali tal-ATM biex tittejjeb aktar il-prestazzjoni tas-servizz u jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni.

Billi jfittex li permezz ta’ dawn l-oġettivi jimmassimizza l-valur offrut minn sistema ta’ ġestjoni tat-traffiku tal-ajru kompetittiva, dan l-attur essenzjali fil-katina tal-valur tal-avjazzjoni jista’, fi sħubija ma’ komunità ta’ linji tal-ajru responsabbli, u li tħares l-ambjent, jaqdi r-rwol tiegħu fil-bini ta’ settur tal-avjazzjoni aktar sostenibbli u “aktar ekoloġiku”, filwaqt li fl-istess ħin jiffaċilita l-konnettività u l-iżvilupp ekonomiku usa’ li l-avjazzjoni tiġġenera għall-ekonomija Ewropea usa’. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi żgurat li s-sistema ATM tal-Ewropa, il-linji tal-ajru, u l-ajruporti, ilkoll qed jaġixxu flimkien biex jistinkaw biex jiksbu dawn l-għanijiet komuni biex jindirizzaw kwalunkwe ritorn mhux mixtieq għal restrizzjonijiet tal-kapaċità esperjenzati qabel u t-tħassib ambjentali dejjem aktar urġenti li qed niffaċċaw aħna lkoll.

Għalhekk nantiċipaw in-negozjati tat-trilogu bejn il-Kunsill u l-Parlament bħala opportunità biex nieħdu xi ħaġa pożittiva mill-Covid-19, minflok ma nħalluh jiddefinixxina. Filwaqt li wieħed jifhem li l-impatt tal-pandemija dinjija bħalissa ġibed l-attenzjoni lil hinn minn dik li kienet kriżi qawwija fil-kapaċità tal-ispazju tal-ajru fl-2019, hemm restrizzjoni tal-kapaċità fuq terminu medju sottostanti fl-ispazju tal-ajru Ewropew u imperattiv ambjentali li jeħtieġ li jiġi indirizzat. Jekk xejn, l-istorja tgħallimna li ż-żmien li nindirizzaw dawn il-kwistjonijiet mhuwiex meta s-sistema tkun waslet biex tikkollassa jew meta s-sitwazzjoni ambjentali tkompli sejra għall-aġar, iżda issa.
